## Lejn Gustizzja Ahjar u Ehfef

Hemm numru ta' problemi li ilhom is-snin ixekklu l-amministrazzjoni tal-ġustizzja fil-Qrati tagħna, kemm fil-kamp kriminali u kemm f'dak ċivili. Hemm bżonn li dawn ma jibqgħux suġġetti li ma jistgħux jiġu dibattuti liberament iżda li jitqegħdu fuq l-aġenda nazzjonali sabiex kull min huwa nteressat f'dan is-settur jagħti sehmu. Għalhekk il-Ministeru tal-Gustizzja u l-Intern qed jipprezenta sitta u għoxrin punt ta' bidla – tlettax fil-kamp ċivili u tlettax f'dak penali. B'dan id-dokument il-Gvern m'huwiex marbut li dak li qiegħed jissottometti għall-attenzjoni ser isir liġi iżda li fl-istess ħin jista' jiġbor aħjar is-suġġerimenti sabiex meta jiġi biex jilleġisla jkun diġà għamel konsultazzjoni wiesgħa.

Fost il-proposti li fiha l-*White Paper* hemm :

**It-tibdil fil-mod ta' kif taħdem il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja** fejn il-ħsieb huwa prinċiparjament li l-Kummissjoni timxi pass ieħor 'il quddiem sabiex tkun tista' taqdi l-funzjoni tagħha – dik li tkun strument effikaċi ta' kontroll ta' ħidmet il-Qrat

Bħala **rimedji għad-dewmien bla bżonn** u biex nippruvaw nindirizzaw id-danni li jinħolqu minħabba dan id-dewmien qed jiġi propost li fejn kawża tkun ilha tliet snin pendenti quddiem ġudikant, li ovvjament ma jkunx iddeċidiha, kull parti tista' titlob lill-Prim Imhallef biex dan il-gudikant jinbidel.

Qed jjiġi propost ukoll li meta ġustifikat **l-azzjoni kriminali u ċivili jimxu flimkien**. Fuq ċertu aġir illegali jittieħdu passi ċivili u penali mill-Istat u ċ-ċittadini tiegħu. Dan ifisser duplikazzjoni sija ta' l-għarbiel ta' fatt kif ukoll ta' l-atrit. Għalkemm ngħarfu li mhux faċli li tgħaqqad proċeduralment iż-żewġ azzjonijiet għandna naċċettaw li huwa kamp li jitlob li jiġi ndirizzat sabiex innaqqsu mit-telfien inutili taż-żmien. Għalhekk qiegħed jiġi propost li unikament fil-kawżi ta'

spoll, dawn jibdew jinstemgħu mill-Qorti Kriminali li tagħti sentenza fl-istess jum fuq iż-żewġ kampi.

***Ex Tempore Judgements*** Ma hemmx bżonn li kull sentenza li tingħata tkun waħda tant studjata li tqarreb mini-teżi. Qiegħed għalhekk jiġi suġġerit li jsir dibattitu biex jiġu identifikati numru ta' setturi li jippermettu dawn t-tip ta' ġudizzji mingħajr ma wieħed itellef mill-proċess sħiħ.

**Kumpens għall-vittmi tar-reati.** Is-sena li għaddiet **l**-Unjoni Ewropeja approvat direttiva li permezz tagħha kull pajjiż irid jipprovdi sistema għall-ħlas mill-Istat b'mod sussidjarju lill-vittmi ta' reati vjolenti. Irridu naraw jekk nistgħux nintroduċu sistema ġdida f'pajjiżna.

**Għażla aħjar tal-ġurati u taħriġ għaċ-ċittadini bħala ġurati prospettivi.** Il-ġuri kien il-mira ta' attenzjonijiet politiċi partikolari. Parti mill-problema ġejja mill-fatt li l-ġurati ma jkunux magħżula tajjeb, speċjalment il-Prim Ġurat. Għalhekk qiegħed jiġi propost li qabel issir l-għażla, il-Prosekuzzjoni u d-Difiza jistghu jaghmlu mistoqsijiet pertinenti. Huwa fatt magħruf li ħafna drabi l-ġurati magħżula ma jkollhom ebda hjiel ta' kif għandhom jaqdu dmirhom. Jixraq ghalhekk li dawn jinghataw tahrig biex il-gurat ikun jaf dak li ser jidhol ghalih.

**Xhieda tat-tfal f'kawżi kriminali**. Hija ferita kbira fis-sistema tagħna li tfal, wara li jew jgħaddu minn trawmi ta' skandli li tagħhom ikunu vittmi, jew inkella meta jaraw reati jitwettqu fuq oħrajn, jiġu kkunsidrati u trattati daqs xiehda oħra. Għalhekk qiegħed jiġi propost li t-tfal jixhdu darba biss u dik ix-xhieda tiġi rikordjata biex tkun tista terga tinwera minhajr il-htiega li t-tfal jittellghu jixhdu kull darba.

**Tariffi għal ċerti kawżi kriminali**. Wasal iż-żmien li nqisu l-ispejjeż ġudizzjarji bħala danni kkaġunati minn min wettaq ir-reat. Jista jkun hemm każijiet fejn min jinsab ħati, sija f'ġurijiet kif ukoll fuq rinviju wara kumpilazzjoni għandu jħallas l-ispejjeż.

**Sistema iktar mgħaggla fil-konkluzjonijiet ta' kumpilazzjonijiet.** Sfortunatament hemm wisq kumpilazzjonijiet li jdumu ferm iktar milli għandhom. Ma huwiex ġust li akkużat ma jarax l-akkużi kontra tiegħu proċessati u meħlusa fl-iqsar żmien possibbli. Hemm lok fejn id-dewmien jiġi mnaqqas billi wieħed jassigura li tiġi aċċellerata u mibdula l-proċeduri li bihom l-atti tal-kumpilazzjoni jintbagħtu mill-Maġistrat għal għand l-Avukat Ġenerali u lura. Għalhekk qiegħed jiġi propost li s-sistema ta' llum tiġi mibdula u ma jibqax iktar li kumpilazzjoni tiġi appuntata wara li tasal mingħand l-Avukat Ġenerali iżda qabel.

**Poter lill-Kummissarju tal-Pulizija.** F'diversi sezzjonijiet tal-Liġijiet ta' pajjiżna, il-Kummissarju tal-Pulizija għandu poteri speċjali sabiex jissospendi liċenzji ta' varji tipi. Qed jiġi propost li għall-buon ordni u paċi pubblika jkun hemm artikolu fil-Kodiċi li jagħti dan il-poter sabiex jieħu ħsieb kwalunkwe eventwalità fejn dan ma jkunx imdaħħal f'liġijiet oħra.

**Proposta li tolqot lil ġurnalisti hija t-tneħħija tal-piena tal-ħabs fil-*Press Act.*** Tul is-snin li ilha teżisti din il-liġi, f'dawn l-aħħar snin ma kienx hemm ebda każ fejn fuq malafama ġurnalista tispiċċa l-ħabs. Dan ma għadux jagħmel sens u għalhekk jixraq li l-piena tal-ħabs tiġi mneħħija. Għalhekk qed tiġi proposta l-emenda neċessarja, fil-każ biss ta' reati marbuta ma' l-artikolu 11. Piena ta' habs tibqa' applikabbli f'każijiet oħra per eżempju, apoloġija ta' reati kommessi, sedizzjoni, u ksur ta' sigrieti uffiċjali.

Qed jiġi propost li **tigi stabbilita Qorti Amminstattiva** peress li ilu jinħass il-bżonn li s-settur amministrattiv jiġi ndirizzat aħjar. F'Malta addottajna s-sistema Ingliża li fiha hemm numru ta' vantaġġi u skartajna dawk li joħorġu minn sistemi

kontinentali bħal dik Franċiża.  Hemm numru ta' pajjiżi, bħal per eżempju l-Olanda, li ħadet il-benefiċċju tat-tnejn.  Apparti dan għandna kwantità ta' tribunali amministrattivi mxerrda mad-diversi Kapitoli tal-ligijiet taghna. Dawn għaddejjin l-ewwel mingħajr direzzjoni legali ċara, it-tieni qed jintefqu fuqhom spejjeż inutli u t-tielet hemm numru ta' duplikazzjonijiet żejda.  Proġett ambizzjuż, iżda neċessarju lejn soċjetà li tħares li tagħti iktar rimedji diretti liċ-ċittadin fil-konfront ta' inġustizzji f'dan is-settur. Dan jitlob li jiġi mniedi kodiċi amministrattiv.